23 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Vincent Parnis *versus* Avv. Dr. Giuseppe Vella ne. et

**Interdizzjoni — Alimenti — Spejjeż tal-Interdizzjoni — Mara. — Art. 519 (2) tal-Proċedura Ċivili.**

*Min joħroġ flus għall-alimenti ta' mara li żewġha huwa interdett bil-fehma li jerġa jeħodhom lura minn għand l-interdett, għandu dritt għalihom minn għand l-interdett; jekk mbgħad l-alimenti kienu dovuti lil dik il-mara b'sentenza, l-interdett indubbjament avvantaġġja ruħu bil-ħlas ta' dawk il-flus.*

*Anki jekk dak li ħareġ il-flus ħariġhom għall-ispejjeż tal-interdizzjoni, huwa għandu dritt jeħodhom lura; għax dawk huma spejjeż li jsiru fl-interess tal-istess interdett; u l-mara li sselfet dawk il-flus biex tagħmel il-proċedura tal-interdizzjoni ta' żewġha, eżerċitat dritt li hija kellha, anzi adempiet dover lilha rikonoxxut mill-liġi.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-imsemmi Antonio Parnis, b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Mejju 1954 fil-kawża fl-ismijiet

"Emmanuela Parnis vs. Dr. Giuseppe Vella nomine", ġie kundannat iħallas lill-martu pensjoni alimentarja ta' xelin kulljum mid-data tal-imsemmija sentenza; u billi l-konvenut nomine mhux iħallas l-alimenti lil mart l-interdett Antonio Parnis, u dawn mix-xahar ta' Lulju 1955 sax-xahar ta' Frar 1957, għall-import komplessiv ta' £30. 9. 0, skond il-kwintern (dok. A), ġew lilha somministrati b'self mill-attur; u billi l-attur żborża fl-interess tal-konvenuti, jew min minnhom, is-somma ta' £32. 11. 9, spejjeż tal-proċedura tal-interdizzjoni tal-konvenut, skond kif jirriżulta miż-żewġ dokumenti markati dok. B u Ċ; u billi l-konvenut nomine avvantaġġja ruħu rigward l-imsemmija alimenti prestati mill-attur lill-konvenuta Emmanuela Parnis minfloku; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, ikunu kundannati jħallsu lil-attur is-somma komplessiva ta' £63. 0. 9, in kwantu għal £30. 9. 0 import ta' self somminstrat lill-konvenuta għall-manteniment li naqas li jgħaddilha żewġha, u in kwantu għal £32. 11. 9 import ta' spejjeż tal-interdizzjoni ta' Antonio Parnis, li ġew erogati mill-attur fl-interess tal-konvenuti. Bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, fil-konfront tal-konvenut Antonio Parnis, mhux kontestat li l-attur, meta l-kuratur tal-istess konvenut ma kellux flus f'idejh, fuq suġġeriment tal-istess kuratur ħareġ il-flus tal-alimenti dovuti lill-konvenuta, bil-fehma li jerġa' jeħodhom lura, u b'kollox taha £30. 9. 0 kif jidher ukoll mill-irċevuti tal-kwintern fil-fol. 5 tal-proċess; u billi dawn l-alimenti kienu dovuti mill-konvenut bis-saħħa tas-sentenza msemmija fiċ-ċitazzjoni, il-ħlas li għamel l-attur indubbjament avvantaġġja lill-konvenut. Rigward, mbgħad, l-ispejjeż magħruġa mill-attur għall-interdizzjoni tal-konvenut, li fuq l-import tagħhom ma hemmx kontestazzjoni, dawn l-ispejjeż saru wkoll fl-interess tal-istess konvenut, billi, kif

osservat din il-Qorti fil-kawża "Dr. Emmanuele Mallia vs. Ruggero Muscat ne.", deċiża fid-29 ta' April 1903, "l-istituto dell'interdiziont od inabilitazione è dalla legge introdotto in vantaggio di persone inferme od altrimenti inette per gli atti della vita civile, o prodighe, come rimedio contro tale infortunio, per assicurare la conservazione e l'utile amministrazione delle sostanza di pertinenza di esse" (Kollez. XVIII-II-280); u n-neċessita u l-utilità ta' dawk l-ispejjeż jinsabu konfermati mill-fatt illi l-konvenut ġie mill-Qorti kompetenti interdett fuq il-proċeduri li għalihom ħareġ il-flus l-attur;

Illi, rigward il-konvenuta Emmanuela Parnis, ma hemmx dubju li l-flus li ħareġ l-attur għall-alimenti tagħha avvantaġġjawha; kif ukoll avvantaġġjawha l-flus għall-ispejjeż tal-interdizzjoni ta' żewġha, u bihom hija setgħet teżerċita dritt, anzi tadempixxi dover lilha rikonoxxut mill-liġi stess (art. 519 (a) Proċ. Ċiv.);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-istanza tal-attur tinsab ġustifikata;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jħallsu lill-istess attur is-somma ta' £63. 0. 9, bl-imgħax legali kif mitlub u bl-ispejjeż.